**80. Il-Ministru tax-Xogħolijiet, l-Onor. Carmelo Vella, jipproponi:**

Billi huwa maħsub fl-artikolu 12 tal-Att tal-1983 dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini li meta l-Ministru responsabbli għax-xogħlijiet b'ordni pubblikat fil-Gazzetta jiddikjara li art akkwistata mill-Gvern taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-istess Att għandha tiġi trasferita għall-iżvilupp dak it-trasferiment m'għandux isir kemm-il darba dwar dik l-art ma jkunx sar Pjan għall-Iżvilupp tal-Bini mill-imsemmi Ministru u dak il-Pjan għall-Iżvilupp tal-Bini ma jkunx ġie approvat b'riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati;

U billi l-Ministru tax-Xogħlijiet iddikjara li l-artijiet murija fil-pjanti annessi ma' din ir-riżoluzzjoni huma Arei għall-Iżvilupp tal-Bini, u l-Kamra tad-Deputati b'riżoluzzjoni adottat dik id-dikjarazzjoni;

U billi l-Pjani għall-Iżvilupp tal-Bini li qed jiġu proposti għall-approvazzjoni tal-Kamra għal dawk l-Arei għall-Iżvilupp tal-Bini, huma dawk murija fil-pjanti annessi ma' din ir-riżoluzzjoni; liema pjanti għandhom jifformaw parti integrali minn din ir-riżoluzzjoni;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-Kamra tad-Deputati tapprova l-Pjani għal-Iżvilupp tal-Bini murija fil-pjanti hawn annessi għal finijiet u effetti kollha tal-artikolu 12 tal-Att tal-1983 dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini.

30.06.1983